II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/1048

tat-22 ta' Ġunju 2021

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/2/2021)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/233/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal- EUBAM Libya, inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fl-14 ta' Jannar 2021 il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/59 ([2]), li taħtar lis-Sa Natalina CEA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya mill-1 ta' Frar 2021 sat-30 ta' Ġunju 2021.

(3) Fit-18 ta' Ġunju 2021 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1009 ([3]), li testendi l-mandat ta' EUBAM Libya mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2023.

(4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li l-mandat tas-Sa Natalina CEA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya jiġi estiż mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sa Natalina CEA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya huwa b'dan estiż mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/59 tal-14 ta' Jannar 2021 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2021) (ĠU L 26, 26.1.2021, p. 3).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1009 tat-18 ta' Ġunju 2021 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 222, 22.6.2021, p. 18).

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2021.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
S. FROM-EMMESBERGER